14 ta' Frar, 1956

Imħallef :

L-Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

**Giovanni Pace et. *versus* Carmela Spiteri**

**Atti Ġudizzjarji — Ċitazzjoni — Korrezzjoni — Art. 175 (1) u 174 (b) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*Huwa veru li l-Qorti tista' f'kull waqt tal-kawża, qabel is-sentenza, minn jeddha jew wara talba, tordna jew tippermetti l-korrezzjoni*

*ta' att ġudizzjarju. Dana però jista' jsir meta ż-żieda jew tibdil li jsir fl-att ma jinbidilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eċċezzjoni.*

*Barra minn dan, mhix ammissibbli domanda għall-korrezzjoni ta' żball fi skrittura wara l-allegazzjoni ta' l-eċċezzjonijiet.*

*Fil-każ preżenti, iċ-ċitazzjoni saret kontra persuna diversa minn dik li l-attur ried fil-fatt iħarrek; u l-Qorti riteniet illi, avvolja l-persuna mħarrka u dik li kellha tiġi mħarrka kellhom l-istess isem u kunjom, id-domanda ta' l-attur għall-korrezzjoni ta' l-att taċ-ċitazzjoni ma kienetx ammissibbli.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-atturi, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet kollha meħtieġa u jittieħed kwalunkwe provvediment opportun, peress illi l-instanti, minħabba l-fatt tal-konvenut kif spjegat fid-dikjarazzjoni annessa ma' l-att taċ-ċitazzjoni, u kif jiġi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża, sofrew danni meta waqgħu l-fondi 18 u 20 Villambrosa Street, Hamrun, li huma rispettivament jikru minn għand l-istess konvenuta; peress illi l-konvenuta ġiet diversi drabi, iżda dejjem inutilment, interpellata biex tersaq bonarjament għall-likwidazzjoni u ħlas tad-danni dovuti lill-atturi; talbu illi l-konvenuta, previja d-dikjarazzjoni tar-responsabilità tagħha għad-danni sofferti minn kull wieħed mill-atturi mħabba l-waqa' tal-fondi li kull wieħed mill-istess atturi jikri minn għandha, tiġi kundannata tħallas lil kull wieħed mill-atturi, għas-saldu tad-danni li huma sofrew bir-rovina tal-fondi 18 u 20, Villambrosa Street, Hamrun, li huma rispettivament jikru minn għand il-konvenuta, li ġrat fl-20 ta' Ġunju 1949, jew bħala konsegwenza ta' l-istess rovina, dik is-somma li tiġi a favur ta' kull wieħed minnhom likwidata, anki per mezz ta' periti li jiġu nominati għal dan l-iskop. Bl-ingħaxijiet legali u bl-ispejjeż ta' l-ittra uffiċjali ta' l-4 ta' Frar 1949, tal-protest tas-27 ta' Ġunju 1949, u taż-żewġ ittri uffiċjali tal-21 ta' Novembru 1949, kontra l-konvenuta;

*Omissis;*

Rat fil-fol. 14 in-nota tal-konvenuta, li biha eċċepiet: l-ewwel, l-illeġittimità tal-persuna peress illi l-konvenuta mhijiex il-proprjetarja u ma għandha ebda nteress fil-bini in kwistjoni; it-tieni, fil-meritu per konsegwenza mhijiex responsabbli tad-danni msemmija fiċ-ċitazzjoni. Salvi eċċezzjonijiet oħra;

*Omissis;*

Ikkunsidrat fuq l-eċċezzjoni preliminari sollevata mill-*konvenuta*;

Illi in segwitu għat-trattazzjoni, u speċjalment wara x-xhieda *tal-konvenuta*, irriżulta li l-fondi ndikati fiċ-ċitazzjoni ma jappartjenux lill-konvenuta Carmela armla Spiteri, imma lil bintha Carmela Spiteri. Billi dawn iż-żewġ persuni jġibu l-istess isem u kunjom, l-atturi talbu l-korrezzjoni, billi tiġi mħassra l-kelma "armla" u mill-bqija *jibqa'* kollox kif inhu. Il-*konvenuta talbet li tiġi* liberata "*ab observantia*";

Ikkunsidrat;

*Illi* skond l-art. 175 (1) tal-Kap. 15 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tista', f'kull waqt tal-kawża, qabel is-sentenza, minn jeddha *jew wara talba*, tordna jew tippermetti tibdil fl-iskrittu-ri, sew billi fihom jiżdied jew jitneħħa l-isem ta' waħda mill-partijiet u jitqiegħed *iehor f'loku*, jew inkella billi jissewwa żball fl-isem tal-partijiet jew fil-kwalità li fiha jidhru. Dan però jista' jsir taħt il-kondizzjoni li ebda *tibdil bħal* dan ma jkun ibiddel fis-sustanza l-azzjoni *jew* l-eċċezzjoni;

Illi f'dan il-każ l-atturi jammettu li huma riedu jikkonvje-*nu fil-ġudizzju* mhux lill-konvenuta, imma lil bintha, jew aħjar lis-sid taż-żewġ fondi msemmija fiċ-ċitazzjoni. Il-konvenuta mill-ewwel, *fin-nota ta'* l-eċċezzjonijiet tagħha, bħala l-ewwel difiża, allegat li hija ma tippossjedix il-fondi msemmijin fiċ-ċi-tazzjoni u li ma għandha ebda *nteress* fil-kawża. Mill-mument li l-atturi stess ikkonfessaw li huma riedu jikkonvjenu lil bint il-konvenuta u mhux lil dina stess, l-eċċezzjoni tal-konvenuta kienet legali; għaliex skond l-art. 174 (b) tal-Kap. 15, l-att taċ-ċitazzjoni għandu jkollu l-isem u l-kunjom tal-parti li tidher u tal-parti li kontra tagħha ssir iċ-ċitazzjoni. Veru li f'dan il-każ il-konvenuta u bintha jġibu l-istess isem u kunjom, imma hu-ma żewġ persuni differenti; tant illi waħda, dik konvenuta, hija "armla", mentri l-oħra, dik li l-atturi fil-fatt riedu jħarrku, hija "xebba". Jittratta għaldaqstant f'dan il-każ minn żewġ persuni differenti. Gie ritenut illi "se una persona venisse cita-ta in nome proprio, sarebbe cambiare la domanda l'aggiungere al nome del citato una qualità diversa in cui deve rispondere" (App. 18. 11. 1921, "Theuma vs. Rolando Speranza", Vol. XXIV—I—872). F'din il-kawża, għalhekk, billi jittratta minn żewġ persuni differenti, il-konvenuta u bintha, jista' jingħad

l-istess ħaġa, jiġifieri li d-domanda tiġi mibdula jekk issir il-korrezzjoni;

Illi barra minn dana, ġie kostantement ritenut mit-tribunali tagħna, illi m'hijiex ammissibli d-domanda għall-korrezzjoni ta' żball fi skrittura wara l-allegazzjoni ta' l-eċċezzjoni (App. 25. 5. 1866, "Borg vs. Warder", Vol. III, pag. 589; 24. 1. 1890 "Luke vs. Scicluna", Vol. V, 251; 13. 2. 1882 "Mirabitur vs. Burke", Vol. IX. 658); u f'dan il-każ it-talba għall-korrezzjoni saret wara li ngħatat l-eċċezzjoni;

Illi għalhekk l-eċċezzjoni tal-konvenuta, li hija ma għandha ebda interess fil-beni in kwistjoni, u konsegwentement f'din l-azzjoni, hija fondata;

Għal dawn ir-raġunijiet:

Tiddeċiedi billi tiċħad it-talba ta' l-attur għall-korrezzjoni ta' l-att taċ-ċitazzjoni, u billi tillibera l-konvenuta mill-osservanza tal-ġudizzju; bl-ispejjeż kontra l-attur.

---